**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**George-Oliver Schembri**
**Donald Camilleri**

**Kumpilazzjoni numru 206/2012**

**Illum 11 ta' Settembru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **George-Oliver Schembri** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 651562 (M) u **Donald Camilleri** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 246475 (M) billi huma akkuzati:

Talli f'isimhom propju u/jew ghan-nom u in rapprezentanza ta' Alfred Schembri & Sons Limited (C 11164), f'dawn il-Gzejjer, bejn Jannar 2010 u Dicembru 2011, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga

b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Transport Malta u/jew il-Gvern ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkorrompew lil Gordon Zammit, perit impjegat ma' Transport Malta;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlu att ta' money laundering billi:

i. Ikkonvertew jew ittrasferew propjeta' meta kienu jafu li dik il-propjeta' kienet direttament  jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f'attivita' kriminali, u/jew;
ii. Hbew jew wrew haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kienu jafu li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;
iii. Akkwistaw propjeta' meta kienu jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;
iv. Irritjenew minghajr skuza ragonevoli proprjeta' meta kienu jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew

indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

v. Ittentaw jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Settembru, 2017 (esebita a fol. 4251 et seq. tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputati taht dak li hemm mahsub:

i. Fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Fl-artikoli 18, 115(c), 119 u 120(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Fl-artikoli 18 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. Fl-artikoli 17, 18, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Settembru 2017 , gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Settembru 2017, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti taghmel dawn id-dikjarazzjonijiet taghha dwar il-hsara li t-tixhim u l-korruzzjoni jaghmlu fis-socjeta':

> *Corruption is an insidious plague that has a wide range of corrosive effects on society. It undermines democracy and the rule of law, leads to violations of human rights, distorts markets, erodes the quality of life and allows organised crime, terrorism and other threats to human society to flourish.*[1]

> *Corruption is a cancer: a cancer that eats away at a citizen's faith in democracy, diminishes the instinct for innovation and creativity; already-tight national budgets, crowding out important national investments. It wastes the talent of entire generations. It scares away investments and jobs.*[2]

> *Il-korruzzjoni f'kull aspett tal-attività umana, bħal fl-oqsma tal-impiegi, tal-edukazzjoni, tal-kummerċ, tal-ġustizzja, tal-isport, fl-għoti tal-promozzjonijiet, mhux biss hija mezz pulit biex wieħed jisraq, imma tista' tkun ukoll arma omiċidjali, għaliex l-inġustizzja tista' tkun tant gravi li hemm min jibqa' taħtha. Meta xi ħadd jikseb bid-dnewwa xi ħaġa li mhix tiegħu, dan ifisser li jkun qiegħed jaħtafha minn idejn ħaddieħor li tkun tmissu bi dritt. Għaldaqstant, min bla kuxjenza*

[1] R v Dougall [2010] EWCA Crim 1048 2011 Cr App R (S) 37

[2] Joe Biden

*jinżel fil-ħama tal-korruzzjoni, mhux biss ikun jistagħna inġustament, imma jkun jirkeb fuq dahar ħaddieħor.*

*Sakemm ma tkunx storduta, il-kuxjenza suppost tgħidilna li min iwettaq xi reat minn dawn it-tlieta (evażjoni tat-taxxa, abbużi mis-servizzi soċjali u korruzzjoni) jibqagħlu d-dmir li jrodd lura dak li jkun kiseb bil-qerq. Hija tassew ħasra li llum ftit għadna nisimgħu li min jisraq għandu dmir li jrodd lura dak li jkun seraq! Il-ġerħa li reat ta' din ix-xorta jikkawża kemm lill-fqir u kemm lis-soċjetà, tibqa' tgħajjat għall-ġustizzja anki jekk min ikun responsabbli tar-reat jirnexxielu jaqbeż 'il barra mill-miżien tal-Qrati.*[3]

F'dan il-kaz odjern barra l-piena li se timponi l-Qorti, d-dannu soffert mill-Awtorita' ghat-Trasport ta' Malta thallas lura fit-28 ta' Awwissu 2017.

**Ikkunsidrat:**

Rat ir-rikors kongunt tal-4 ta' Settembru 2017 tal-Avukat Generali u tal-imputati George-Oliver Schembri u Donald Camilleri ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ir-rikorrenti konguntivament, filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, talbu lill-Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzati George-Oliver Schembri u Donald Camilleri ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront taghhom, il-piena ghandha tkun is-segwenti:

---

[3] E.T. Mario Grech, Isqof ta' Ghawdex, **NIĠĠIELDU L-FAQAR**, il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju 2014, Victoria, Ghawdex

Fil-konfront ta' George-Oliver Schembri, il-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin flimkien ma' multa ta' mija u ghaxart elef Ewro (€110,000) u l-interdizzjoni generali perpetwa.

Fil-konfront ta' Donald Camilleri, il-piena ta' tmintax (18) –il xahar prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin flimkien ma' multa ta' tletin elf Ewro (€30,000) u l-interdizzjoni generali perpetwa.

U dan oltre kawlsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra tassativa ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal kull buon fini, l-Avukat Generali u l-imputati ddikjaraw li fost il-konsiderazzjonijiet taghhom dwar il-piena kif hawn fuq maqbula, ittiehed kont tan-nota tal-Awtorita' dwar it-Transport ta' Malta datata 30 ta' Awwissu 2017 li permezz taghha ddikjarat li hija giet rifuza l-ammont ta' hames mija u tliet elef, hames mija u dsatax-il Ewro u sitta u sebghin centezmu (€503,519.76) li kien gie defrawdat lilha.

Rat illi fis-seduta tallum 11 ta' Settembru 2017, din il-Qorti ddikjarat illi hija sodisfatta illi jkun legittimu li hi timponi s-sanzjonijiet mitluba fir-rikors, f'kaz li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputati.

Fl-istess seduta, din il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem car xi jkunu l-konsegwenzi tat-talba fir-rikors taghhom u tal-Avukat Generali fuq imsemmi.

Sussegwentement fl-istess seduta, l-imputati rregistraw l-ammissjoni taghhom ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[4]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

[4] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[5] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta'*

---

[5] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti tirreferi ghal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

> *Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*
>
> *Section 142*[6] *of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.*[7]

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [8]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they**

---

[6] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[7] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

[8] (1974) 60 Cr.App. R. 74.

**must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-messagg[9] fil-ftuħ tas-Sena Forensi dwar il-bzonn ta' rizarciment tad-danni sofferti:

*Intom, fix-xogħol tagħkom - kemm Imħallfin, kemm Maġistrati, kemm avukati, prokuraturi legali - tiltaqgħu ma' tant sitwazzjonijiet umani - mhux biss fil-kriminal imma anke fiċ-ċivil - fejn in-nies jiġu għall-ġustizzja*

*[...]*

*Jiena nħobb ninsisti li d-dannu għandu jirriżarċih, jagħmel tajjeb għalih, min jagħmel il-ħsara.*

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputati stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Il-Qorti tiddikjara li din is-sentenza qieghda tigi hekk moghtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta giet rifuza l-ammont ta' hames mija u tliet elef, hames mija u dsatax-il Ewro u sitta u sebghin centezmu (€503,519.76) li kien gie defrawdat lilha u dan tul il-mori ta' din il-kawza qabel ma nghatat is-sentenza.**

[9] Arċisqof Charles J. Scicluna nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 18, 115(c), 119 u 120(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 18 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 18, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom u tikkundanna lil George-Oliver Schembri, il-piena ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin flimkien ma' multa ta' mija u ghaxart elef Ewro (€110,000) u lil Donald Camilleri, il-piena ta' tmintax (18) –il xahar prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin flimkien ma' multa ta' tletin elf Ewro (€30,000).

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem car ir-responsabbiltà taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommettu matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti qed timponi wkoll fuq l-imputati l-interdizzjoni generali perpetwa u dan skont l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputati jservu bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit.

Il-Qorti tordna wkoll wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex l-imputati jhallsu is-somma ta' hamest elef u hamsa u sittin Ewro u tmenin centezmu (€5,065.80)[10] bhala spejjez peritali

[10] Dr. Leonard Caruana a fol 1963 €1,696.61relazzjoni iffrizar ta' assi ta' George Oliver Schembri; Dr. Leonard Caruana a fol 2455 €1,637.07relazzjoni iffrizar ta' assi ta' Donald Camilleri; Dr. Leonard Caruana a fol 2944 €1,732.12 relazzjoni iffrizar ta' assi ta' Alfred Schembri and Sons

rigwardanti dawn il-proceduri, liema spejjez iridu jithallsu bejn l-imputati kif gej:  Donald Camilleri jhallas elf, sitt mija u sebgha u tletin Ewro u seba' centezmi (€1,637.07) u George Oliver Schembri jhallas tliet elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€3,428.73).

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**